MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Numru 7777/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**v.**

**Daniel Briffa**

**Illum, 27 ta' Frar 2009**

**Il-Qorti**:

Regghet rat ir-rikors ta' Daniel Briffa tal-bierah 26 ta' Frar 2009 li permezz tieghu talab varjazzjoni fil-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu bid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tal-25 ta' Frar 2009;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum;

Ikkunsidrat:

Meta r-rikorrent tressaq akkuzat b'diversi reati, fosthom dak ta' tentattiv ta' omicidju volontarju, fis-17 ta' Frar 2009, huwa kien inghata minnufih, u qabel ma kienu ghadhom instemghu ix-xhieda principali tal-prosekuzzjoni, il-helsien mill-arrest taht garanzija personali ta' Euro 5,000. Din il-Qorti – cioe` il-Qorti Kriminali – kienet irrevokat dak id-digriet fit-18 ta' Frar 2009 u dan, kif jidher car mid-digriet taghha, principalment minhabba l-fatt li kienu ghadhom ma nstemghux ix-xhieda principali tal-prosekuzzjoni u ghalhekk f'dak l-istadju kien ghad hemm perikolu fondat ta' intralc mar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja kif ravvizat fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kap. 9. Inghad ukoll fid-digriet tat-18 ta' Frar 2009 – pero` dan kien kjarament argument sekondarju – li garanzija personali kienet wahda palesement inidonea tenut kont tal-gravita` ta' wahda mill-akkuzi.

Issa, jirrizulta mill-atti li x-xhieda principali tal-prosekuzzjoni xehdu fl-udjenza tal-25 ta' Frar 2009. F'dik l-udjenza il-Qorti Inferjuri akkordat il-helsien mill-arrest lill-imputat versu depozitu ta' Euro 20,000, garanzija personali ta' Euro 30,000 u, per di piu`, bil-kundizzjoni li ma johrogx mir-residenza tieghu hlief biex jattendi l-qorti jew ghal ragunijiet medici – jigifieri dik il-qorti ordnat li jibqa' effettivament arrestat id-dar. Bir-rikors tieghu tal-bierah l-imputat jikkontendi li l-garanzija imposta hija eccessiva u ser tfisser li huwa ser ikollu jibqa' arrestat ghas-semplici raguni li l-mezzi tieghu ma jwasslux; jilmenta wkoll li bl-imposizzjoni tal-arrest domiciljari huwa ser jispicca jitlef l-impieg li ghandu ta' *salesman* ma' ditta li tforni l-ikel.

Din il-Qorti ikollha tghid bla tlaqliq li r-rikorrent ghandu ragun jilmenta mid-digriet tal-25 ta' Frar 2009. Jidher, in fatti, li minn estrem ta' oghti tal-helsien mill-arrest b'leggerezza fis-17 ta' Frar 2009, il-Qorti Inferjuri (diversament presjeduta) marret f'estrem iehor u imponiet kundizzjonijiet minghajr ma hadet in konsiderazzjoni dak kollu li tghid u trid il-ligi. Jibda biex jinghad li jew hemm lok

li jinghata l-helsien mill-arrest – u allura ghandu jinghata – jew ma hemmx lok li jinghata, u allura t-talba ghall-helsien mill-arrest ghandha tigi rifjutata. Li wiehed jinghata l-helsien mill-arrest izda jibqa' "arrestat" id-dar huwa – hlief forsi f'kazijiet verament eccezzjonali – kontrosens. In fatti il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **James Demanuele v. Avukat Generali** qalet hekk:

**"Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-"house arrest" bhala kundizzjoni tal-"bail" fis-sistema taghna hija r-rizultat ta' prattika li ssib l-origini taghha <u>fl-estensjoni tal-*curfew*</u>. In fatti, kien gie dejjem accettat li, bhala wahda mid-diversi kundizzjonijiet li jistghu jigu imposti biex <u>ikomplu jiggarantixxu</u> li ma tavverax ruhha xi wahda mic-cirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali, kien hemm dik tal-limitazzjoni tal-hrug wara certu hin (maghrufa wkoll bhala kundizzjoni tar-rinkazar) jew dik li persuna ma tersaqx lejn certu post jew postijiet (ez fejn ikun jirrisjedi l-allegat vittma jew xi xhud partikolari). Jidher li maz-zmien il-Qrati tal-Magistrati gew perswazi mid-difensuri ta' nies li jkunu akkuzati b'reati, specjalment b'reati ta' certa gravita`, biex filwaqt li effettivament johorgu lill-akkuzat jew imputat mill-habs, fl-istess hin, pero`, izommuh "arrestat id-dar", jigifieri ma jkunx jista' johrog hlief – normalment – biex jattendi l-Qorti jew ghal ragunijiet medici. Jidher li din bdiet tigi kunsidrata bhala soluzzjoni "konvenjenti" ghall-kulhadd – l-imputat imur iddar u ma jibqax il-Habs, u l-Qorti "mohhha mistrieh" li mhux ser tigi inundata b'rikors wiehed wara l-iehor ghall-"bail". Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li tali prassi, li kif osservat l-ewwel Qorti, hija *praeter legem*, hija wahda perikoluza, u, bid-dovut rigward ghall-qrati kollha li sa issa applikawha, ftit li xejn taghmel sens. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-hsieb kollu wara l-hekk imsejjah "house arrest" bhala kundizzjoni tal-"bail" huwa zbaljat, ghax jew hemm, b'mod reali u konkret, wiehed jew aktar mill-perikoli ravvizati fl-imsemmija paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1), u allura l-**

**helsien mill-arrest m'ghandux jinghata, jew ma hemmx, u allura l-imputat jew akkuzat ghandu jinheles mill-arrest taht garanzija u b'dawk ilkundizzjonijiet l-ohra li, kif inghad, ikomplu jiggarantixxu b'mod ragjonevoli li ma tavverax ruhha xi wahda mill-imsemmija cirkostanzi. Il-*house arrest*, pero`, ma jista' qatt jaghti l-garanziji li jaghti l-arrest preventiv proprju, specjalment ghal dak li jirrigwarda l-perikolu fondat ta' inkwinament tal-provi."**

Ezaminati l-atti u wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, hi tal-fehma li <u>issa</u> li ddeponew ix-xhieda principali tal-prosekuzzjoni ma hemm ebda perikolu reali u konkret ta' xi wiehed mill-perikoli msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) tal-Artikolu 575(1) imsemmi. Ghalhekk il-Qorti Inferjuri kellha takkorda l-helsien mill-arrest, u ma jaghmel assolutament ebda sens il-"house arrest" impost bhala l-ewwel kundizzjoni tal-*bail*.

Kwantu ghall-garanzija, mhux biss il-gurisprudenza kostituzzjonali taghna u dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, izda <u>anke l-istess Kodici Kriminali taghna</u> jezigi li, fil-kalkolu tal-garanzija ghandu jittiehed kont <u>ukoll</u> tal-mezzi ossia l-kondizzjoni tal-imputat. Huwa minnu li l-mezzi ta' l-imputat ma humiex l-unika konsiderazzjoni -- hemm ukoll *"...ix-xorta u l-kwalita` tar-reat, u z-zmien tal-piena li ghaliha r-reat ikun suggett"* -- ara l-Artikolu 576 tal-Kap. 9 -- izda ma hemmx dubju li f'dan il-kaz depozitu ta' Euro 20,000 ghal persuna li qieghed fuq il-*minimum wage*, u dejjem tenut kont tac-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz (inkluza l-fedina penali tar-rikorrent), hija somma li prattikament tfisser li l-imputat ikollu jibqa' arrestat, u dan, kif inghad, meta ma jirrizultax li issa hemm il-perikoli msemmija fl-Artikolu 575(1).

Kollox ma' kollox, ghalhekk, hemm lok li d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tal-25 ta' Frar 2009 jigi revokat.

Ghall-motivi premessi, tiddisponi mir-rikors tal-imputat billi thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tal-25 ta' Frar 2009 u minflok

takkorda l-beneficcju tal-helsien mill-arrest lir-rikorrent taht is-segwenti kundizzjonijiet:

**i. li r-rikorrent jidher u joqghod ghal kull ordni ta' din il-Qorti jew ta' kwalsiasi Qorti ohra li quddiemha jkun jinsab il-process jew xi kwistjoni li tohrog mill-process jew li hi marbuta mieghu;**

**ii. li ma jikkomunikax jew jipprova jikkomunika b'ebda mod, la direttament u anqas indirettament jew tramite terzi, jew bit-telefon, max-xhieda tal-prosekuzzjoni;**

**iii. li jirrisjedi fl-indirizz minnu moghti fil-kors ta' l-interrrogatorju fl-istruttorja, u cioe` 14, Bel Costant, Triq Mose` Gatt, B'Kara; li ma jbiddilx din ir-residenza minghajr il-permess tal-Qorti; u li ma johrogx mill-imsemmija residenza hlief bejn is-sitta ta' filghodu (6.00 am) u s-sebgha ta' filghaxija (7.00 pm) u ghalhekk irid ikun f'din ir-residenza fil-hinijiet l-ohra kollha;**

**iv. li jikkonsenja l-passaport tieghu u kull "travel document" li jista' jkollu, inkluza l-karta ta' l-identita`, lill-Ispettur tal-Pulizija Elton Taliana; li ma jhallix jew jipprova jhalli dawn il-Gzejjer; kif ukoll li ma jitlax jew jipprova jitla' fuq ebda dghajsa, lanca, *yacht*, vapur jew mezz iehor ta' trasport bil-bahar, ikun ta' liema xorta jkun;**

**v. li jirraporta darba kull nhar ta' Sibt fil-Ghassa tal-Pulizija ta' B'Kara bejn is-sebgha w nofs u t-tmienja w nofs ta' filghodu (7.30 am – 8.30 am); u**

**vi. li jaghmel tajjeb ghall-dawn il-kundizzjonijiet kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali billi <u>jew</u> jiddepozita taht l-awtorita` ta' din il-Qorti u bhala garanzija is-somma ta' hamest elef euro (Euro 5,000) <u>jew</u> igib plegg tajjeb li jobbliga ruhhu bil-miktub ghas-somma ta' hamest elef euro (Euro 5,000); f'kaz li jingieb tali plegg il-Qorti tordna li jinghata avviz ta'**

**erba' w ghoxrin siegha kif provvdut fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 582 tal-Kodici Kriminali sabiex tkun tista’ tigi determinata l-idoneità ta’ tali plegg, u din il-garanzija ma jkollha ebda effett qabel ma tali plegg jigi approvat minn din il-Qorti jew mill-Qorti li quddiemha l-kaz ikun jinsab.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------